IL-BELT VICTORIA
RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX
Mejju – Gunju 1996 Nru. 90

## IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

# NEĦĦI DAN IL-BIŻA' TIEGĦEK!

Kemm hu faċli li fid-dinja ta' llum tiltaqa' ma' nies maħkuma minn biża' kbir. Xi kultant ikunu jafu r-raġuni ta' dan il-biża'; ikun hemm ukoll ċerti persuni li huma stess ma jkunux kapaċi jgħidulek għaliex qed jibżgħu.

Dan l-aħħar ġiet f'idejja daqsxejn ta' storja b'tagħlima, li xtaqt naqsamha magħkom.

Jingħad li darba waħda għasfur tal-bejt, ta' kulur *beige* għadda tista' tgħid il-parti kbira ta' ħajtu maħkum minn biża' u qtiegħ ta' qalb. Kien għadu l-anqas biss ħareġ mill-bajda, li kien diġa qed ikidd lilu nnifsu il-mistoqsija: "Jiena ser inkun kapaċi nkisser il-qoxra tant iebsa ta' din il-bajda? Min jaf naqgħax mill-bejta għall-isfel? Tgħid il-ġenituri tiegħu isibu ikel biex ikunu jistgħu imantnuni?"

Irnexxielu maż-żmien jegħleb din il-biża' u l-ansjeta' li kellu, iżda dlonk tfaċċaw problemi oħra quddiem għajnejh, waqt li jirtogħod rogħda waħda sab ruħu mperreċ fuq zokk ta' siġra, meta kien ser jagħmel l-ewwel titjita tiegħu. U mill-ġdid reġa staqsa: "Imma possibbli l-ġwienaħ tiegħu jifilħuni? Min jaf ninstabatx ma' l-art? U f'każ li naqa' min ser jerġa jtellgħani hawn fuq?"

Naturalment tgħallem itir, iżda xorta waħda baqa' mdejjaq u jsaqsi lilu nnifsu: "Tgħid insib sieħba li tkun tħobbni? Nasal biex nibni bejta għalina u għaċ-ċkejknin tagħna?" Fil-fatt irnexxielu jagħmel dan kollu, iżda xorta waħda baqa' jhewden: "Min jaf ikunx hemm xi sajjetta li tolqot lis-siġra u toqtolna kollha? Jew inkella jiġix xi seqer imġewwaħ u jibla' lilna lkoll?"

Jum wieħed, taħt dik is-siġra waqaf l-Imgħallem. Refa' subgħajh 'il fuq lejn dan l-għasfur filwaqt li lid-dixxipli tiegħu qalilhom: ***"Araw l-għasafar ta' l-ajru: dawk la jiżirgħu, l-anqas jaħsdu u l-anqas jimlew l-imħażen tagħhom bil-qamħ.... u saffrattant, Missierkom li Hu fis-Smewwiet jitmagħhom!"***

L-għasfur tal-bejt fehem il-lezzjoni, u tar kuntent, bla qatt aktar ma tnikket jew weġġa' rasu b'dak li kien iħabbat wiċċu miegħu.

X'tagħlima għalina! Kemm ninkwetaw għalxejn u fuq xejn! Kemm inħabblu moħħna fuq affarijiet żgħar! Kemm attenzjoni żejda naghtu lill-hwejjeġ li faċilment nistgħu ngħaddu mingħajrhom, biex imbagħad, inwarrbu fil-ġenb dawk l-affarijiet li huma essenzjali!

Ta' min jistaqsi: **<u>Imma aħna għaliex nibżgħu daqshekk?</u>**

It-tweġiba hija faċli. Irridu nsolvu l-problemi kollha aħna... weħidna... bil-forzi kollha tagħna. Dan hu l-iżball !! Jista' jkun li jiġrielna hekk għax inkunu qed inħossu li hemm ċertu vojt madwarna, jew inkella għax nittendu li kulma jmur il-fidi tagħna f'Alla tibda' tonqos.

Dan m'għandux ikun! Ġesù qiegħed magħna kontinwament. U f'kull ħin ta' ħajjitna jkun qiegħed itennielna:

**"Poġġu f'qalbi l-problemi u d-diffikultajiet tagħkom.**

**Ħarsu lejja: jiena ta' qalb ħelwa u umli!**

**Jekk intom bil-għatx, ejjew ħalli nagħtikom nixxiegħat sħaħ ta' ilma ħaj!**

**Jiena ma nsejjħilkomx iktar qaddejja, imma ħbieb!**

**Ħudu u kulu....... Ħudu u ixorbu....."**

Hekk biss jirnexxielna nirbħu l-biża' kollu tagħna.

*L-Arcipriet*

IL-BELT
VICTORIA
*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
**CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ**
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 55 63 77

**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI**

24.03.96: CHRISTINE, bint Carmel Theuma u Marisa nee' Camilleri
24.03.96: JOSELYN, bint Carmel Theuma u Marisa nee' Camilleri
06.04.96: AYRTON LORENZ, iben Giovann Cauchi u Mariella nee' Xuereb
20.04.96: FERNANDO, iben Amabile Zammit u Amata nee' Cutajar
20.04.96: MATTHEW, iben Joseph Falzon u Anna nee' Borg
03.05.96: LARA ELISE, bint Konrad Scicluna u Nathalie nee' Borg
05.05.96: ORESTE, iben Vincent Portelli u Agatha nee' Farrugia
12.05.96: KATRINA, bint Christopher Thornton u Romina nee' Vassallo
17.05.96: CHRISTOPHER, iben Carmel Borg u Georgia nee' Sacco
25.05.96: SYLVAN, iben Anthony Gambin u Josephine nee' Grech

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

31.03.96: TEDDIE RAPA + JOSEPHINE ANNE HILL
14.04.96: DENNIS GATT + MARIA GALEA
21.04.96: JOHN GAUCI + GEORGINA FARRUGIA

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

24.03.96: SALVU GALEA
04.04.96: NOEL FORMOSA
09.04.96: REIINA TABONE
15.05.96: CARMELA GALEA

## Offerti tagħkom b'risq ir-Rivista




| | | |
|---|---|---|
| Joe Galea (U.S.A.) | - | Lm5 |
| Fr. Joe Galea (Torino) | - | Lm5 |
| George Grech (Malta) | - | Lm2 |
| Tonio Portelli (Xaghra) | - | Lm2 |
| N. N. (Victoria) | - | Lm5 |
| George Xerri (Kanada) | - | Lm5 |
| Tony+Carmen Grech (USA) | - | US$ 20 |
| Victor Muscat | - | Lm2 |
| Joseph Grech (Nadur) | - | Lm2 |
| George Schembri (Awst) | - | Aust.$ 50 |
| Frank Schembri (Awstr.) | -_ | Aust.$ 10 |

# Editorjal

## GEJ IS-SAJF!

Is-sajf magħna. Is-sħana bdiet tagħmel tagħha. Bdiet tinfirex ċerta telqa kemm inħabba s-sħana kif wkoll inħabba l-fatt li matul ix-xhur li jkunu għaddew kulħadd ikun stinka kemm felaħ. Mas-sajf jasal l-istaġun tad-divertiment fejn il-baħar u tal-vaganzi, kemm tat-tfal mill-iskola kif ukoll ta' dawk li jieħdu 'leave' propju f'dawn il-jiem.

M'hemmx dubju li s-sajf iġib problemi partikolari għas-saħħa morali ta' kull wieħed u waħda minna. Irridu noqgħodu attenti ħafna u nipproteġu lill-uliedna li, billi iss jkunu bil-vaganzi, jsibu ruħhom m'għandhomx x'jagħmlu u naturalment l-għażż ma tantx hu ħaġa sabieħa, għax jista' iwassal għall-bidu ta' kull inkwiet.

Għalhekk huwa dmir tal-ġenituri li jħarsu lill-uliedhom mill-perikli f'dawn il-jiem tas-sajf. Diversi għadqiet jorganiżżaw laqgħat, ħarġiet u attivitajiet. Ħalluhom jipparteċipaw, ħalli jevitaw l-inkwiet. Barra dan qed jingħad li anke fl-iskejjel ta' l-istat qed jitfassal programm għal numru ta' tfal bil-ħsieb li dawn jkollhom fejn jgħaddu l-ħin f'ambjent san.

### Ġejja l-Festa!

Max-xahar ta' Ġunju nibdew insemmu iktar l-festa tal-Patrun ta' Gżiritna San Ġorġ Martri. M'hemmx għajfejn intennu kemm sagrifiċċji titlob il-fetsa mill-aspett organiżżattiv u finanzjarju, u għalhekk nappellaw lil kull min jista' biex jagħti sehemu kemm fil-Bażilika u sew fil-Każin tal-Banda La Stella biex il-festa tkun suċċess. Meta jibda l-ġbir, kemm għall-festa ta' ġewwa kif ukoll għall-festi ta' barra, nuru kemm inħobbu lil Ġorġi Tagħna billi nagħtu l-kontribuzzjoni tagħna bil-qalb u b'hekk inkunu nagħmlu kuraġġ lil dawk kollha li matul is-sena tant ħabirku biex jippreparaw għall-festa.

Fl-aħħarnett insemmu l-iskop ewlieni li għandu jkollna f'moħħna meta nkunu niċċelebraw il-festa tagħna. F'San Ġorġ għandna naraw mudell li fuqu għandna nfasslu ħajjitna jekk irridu nkunu nsara li verament jemmnu dak li jistqarru. Għalhekk meta bit-tbissima fuq fommna nkunu b'idejna 'l fuq inċapċpu, nftakru li permezz ta' San Ġorġ u bil-għajnuna tiegħu aħna wkoll nistgħu naslu bħalu fil-glorja tal-ġenna.

## TFAL LI RCEVEW L-EWWEL TQARBINA L-Erbgħa 8 ta' Mejju 1996





**SUBIEN:**

GEORGE AGIUS, ADAM ATTARD, GEORGE ATTARD, MICHAEL-GEORGE ATTARD, ANTHONY BRIFFA, JASON BUHAGIAR, LORRY CARUANA, JOZEF JUAN CAUCHI, MICHAEL CAUCHI, AARON CINI, DAVID FARRUGIA, JOSEF FARRUGIA, FRANKIE FORMOSA, TERENCE GALEA, ANTHONY MARIO GRECH, RYAN GRECH, ADRIAN GRIMA, FRANCESCO IMBROLL, ANDREW MIZZI, GEORGE SCICLUNA, GABRIEL SILLATO, NEVILLE SULTANA, STEPHEN THEUMA, GEORGE MARIO VELLA, MICHAEL VELLA.

**BNIET:**

ELENA AGIUS , PAULA AQUILINA, ANETTE ATTARD, DIANNE ATTARD, EDIANA ATTARD , RITIENNE ATTARD, DEBORAH MARIA BORG, DIANE BORG, MARLA CARUANA, ROBERTA CASSAR, SOPHIA A. E-M CEFAI, SILVIANNE CUTAJAR, ELAINE FARRUGIA, FRANCENE FARRUGIA, ROXANNE FARRUGIA MUSCAT, ANNALISA GAUCI, NATASHA EMMA GAUCI, GEORGENE GRECH , LOUISE GRECH, MARCELLE GRIMA, MARIJANA GRIMA, CHANTELLE SONIA MUSCAT, MIGUELA PORTELLI, STEPHANIA RAPA, GRAZIELLA SACCO, GEORGINA SCHEMBRI, JOANNE SPITERI, MARIA TABONE, CHRISTIANA VELLA, RODIENNE XERRI,

## TFAL LI RCEVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF - Il-Ħamis 89 ta' Mejju 1996





**SUBIEN:**

ALAN AGIUS, DAVID ATTARD,FELIX JOHN. ATTARD, GEOFFREY ATTARD, JOELLSON BEZZINA,JONATAN BORG, JOSTIN BORG, MARK BORG, JONATHAN BUGEJA, GEORGE CAMILLERI, ALFRED CARUANA, CHARLTON CASSAR, DAVID CINI , JAKE ELLIS, GEORGE MARIO FARRUGIA, JULIAN FARRUGIA, MATTHEW FARRUGIA, REUBEN FORMOSA, KEVIN GALEA, DANIEL GATT, IAN GENUIS, JAMES GRECH, RAYMOND GRIMA, JAMES LUPI, YOSEF MAGRO, GEORGE SAM MIZZI, ROBERT PISCOPO, CHRISTIAN SALIBA, JOSEPH SALIBA, GEORGE TABONE, CHARLIE VELLA, DAVID VELLA, JACOB VELLA, JOSEPH VELLA, JOSEPH XERRI, ANDREW ZAMMIT, CHRISTIAN ZAMMIT,

**BNIET:**

ROBERTA ATTARD, SARA ATTARD, RIA CLAIRE BORG, CHARLENE BUTTIGIEG, STEPHANIE BUTTIGIEG, MARIELLA CAMILLERI, TIZIANA CASHA, MARIA CASSAR, MOIRA CASSAR, ANDREA CILIA, PAMELA DEBONO, DORIEN ELLIS DORIENNE ELLIS, GEORGETTE FALZON, JOANNE FALZON, CHARLENE FORMOSA, CHRISTINE GAUCI, JOSEPHINE GRECH, SHARON GRECH, KAREN LUPI, MARIELLA MERCIECA, MICHELLE PACE, DARLENE PORTELLI, DEBORAH PORTELLI, MARION PORTELLI, MELISSA PORTELLI, JOSCELIN SACCO, LORNA SACCO, ANDREA SALIBA, MARY GRACE SCHEMBRI, SABRINA SILLATO, MELISSA THEUMA, CHARLENE VASSALLO, ROSEANNE ZAMMIT.

## Xogħol Ġdid ta' Mro. John Galea fuq CD

Fl-okkażżjoni tal-100 sena tal-wasla ta' l-Elettriku f'Malta, l-Enemalta ħarġet CD b'xogħolijiet ta' Kompożituri Maltin.

Fost il-bċejjeċ varjati, f'dan l-Ewwel Volum ta'Antoloġija ta' Mużika Maltija, insibu "Tamaire", xogħol għall-Pjanu u Vjolinċell ta' Mro. John Galea. Simon Abdilla Joslin, li ma għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni daqq il-Vjolinċell, waqt li l-Kompożitur stess daqq il-Pjanu. Is-CD tinkludi fost l-oħrajn xogħolijiet ta' Antonio Nani, Carmelo Pace, Nicolo' Isouard u Charles Camilleri.

Din hi t-tielet darba li xogħolijiet ta' Galea ġew rekordjati fuq CD. F'Marzu ta' din is-sena, fuq l-ewwel CD ta' Mużika Maltija għall-Pjanu, ġew irrekordjati "Maypole Dance" u "Cradle Song" ta' l-istess kompożitur. Il-pjanista kien il-magħruf Murray McLachan, li rrekordja x-xogħolijiet kollha f'St. Paul's Church, Southgate, Londra.

L-Ewwel xogħol ta' Mro. Galea li qatt ħareġ fuq CD, kien "Ġgantija Suite" li ndaqqet mis-Slovak Radio New Philarmonic Orchestra taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Michael Laus. Din is-CD ħarġet sentejn ilu.

# IL TROVATORE

## fit-Teatru Astra - *Il-Vera Trovatore*

## *Produzzjoni Dinamika u Mimlija Ħajja*

Għat-Teatru Astra, dan l-istaġun teatrali-operistiku-kunċertistiku żgur li se jibqa' mfakkar għar-rappresentazzjonijiet ta' livell għoli li ġew ppreżentati. dawn ir-rappreżentazzjonijiet jixhdu l-impenn kostanti, serju u professjonali li bih il-Management għaqli ta' dan it-teatru qiegħed ikompli jseddaq tradizzjoni ta' unur u glorja li tgawdi s-**Soċ. Fil. La Stella. Il Trovatore** kienet l-aħħar ġojjel fis-sensiela ta' ġawhar li jibbrillaw fil-kuruna dehbija li biha din is-Soċjeta' ewlenija t'Għawdex hija ġustament imkabbra. Jekk l-istaġun 1995/96 fetaħ bil-glorja bl-opra ferm impenjattiva Turandot, għalaq bit-trijonf bl-aqwa simbolu tal-melodramma Verdjan, **il Trovatore.**

Din l-opra, li tgawdi popolarita' kbira għas-sbuħija tal-melodiji sew ta' dawk tas-solisti kif ukoll tal-korijiet, titlob sengħa kbira fit-tiżwieq tad-"drama' intern li jkun qiegħed jiżvolġi fil-karattri prinċipali mal-movimenti esterni. F'dan ir-rigward, id-Direttur Artistiku **Maurizio Marchini** ħareġ bl-unuri kollha kemm fid-disinn tax-xenografija kif ukoll tad-direzzjoni, li kienet preċiża u effettiva. Taħt id-direzzjoni tiegħu **Mark Sagona** għamel xogħol stupend fl-allestiment tax-xeni li ġibdu l-ammirazzjoni ta' kulħadd.

Ta' min jgħid li li ***Stage Crew,*** immexxi minn **Carmel Zammit**, wera ħila kbira u kapaċita' teknika mhux żgħira fil-kambjamenti veloċi tax-xeni. Kull wieħed mill-erba' atti kien jitlob żewġ kwadri differenti. Il-moviment fuq il-palk akkumpanjaw sew u fissru l-kumplessita' ta' l-istorja. L-istess ħaġa, b'mod tassew posittiv, nistgħu nitkellmu dwar il-kostumi. It-taqsima tal-vestwarju, fi ħdan it-Teatru Astra, hija mill-aktar organizzata u mmexxija tajjeb, u jkolli ngħid li f'kull produzzjoni li ssir din it-taqsima dejjem ġiet imfaħħra għall-mod stupend li bih għarfet tħejji kostumi rikki u ferm adattati. F' **Il Trovatore** l-varjeta' u l-ġmiel tal-kostumi li rajna komlew ikabbru mhux ftit l-ispettaklu tas-serata. Mertu kbir f'din it-taqsima għandhom **Manuel Grima u George Farrugia,** kif xejn anqas għandhom **Michael A. Galea** u **George Zammit** għall-effetti tad-dawl li mexxielhom joħolqu. Kienet tassew produzzjoni dinamika u mimlija ħajja li għamlet ġieħ lit-Teatru Astra u xejn anqas lil pajjiżna.

**Il-Kor ta' l-Opra,** mgħallem minn **Maria Frendo,** ikkontribwixxa bis-sħiħ biex jagħmel min dan il-kapolavur Verdjan, rigward il-korijiet, il-veru **Trovatore.** Mingħajr Kor sod u preċiż, speċjalment is-sezzjoni maskili, ma' tistax tgħid li tkun rajt u smajt il-veru **Trovatore.** Kif kulħadd jaf, il-Kor maskili hu mpenjat sew matul id-diversi xeni li jikkostitwixxu l-opra. Deher mill-ewwel xena li l-Kor kien ser jagħti gost u gost kbir. Dan mhux biss għaliex kien puntwali u preċiż fil-qari tal-partitura b'mod speċjali d-dinamika kontrastanti li tipprovdi, iżda fuq kollox minħabba s-sbuħija u l-omoġeneita' tat-timbru li mall-ewwel kien jambjentak fl-aqwa teatri fl-Italja. Infatti l-applaws tremend li bih għalqet l-ewwel xena kien konferma tas-suċċess tal-kor u kien l-ewwel mis-sensiela ta' applawsi entużjasti li ssigillaw l-approvazzjoni tal-pubbliku li ħanaq it-teatru fiż-żewġ rappreżentazzjonijiet li saru.

Wieħed ma jistax jonqos li ma jsemmix is-sbuħija u l-kuntrast ta' bejn iż-żewġ korijiet fit-Tieni xena tat-Tieni Att: id-dealettika li nħolqot bejn il-ħlewwa u l-finezza tal-vuċijiet femminili, li jesprimu ruħ mifluġa ta' **Leonora,** u l-qawwa u r-rabja tal-vuċijiet aggressivi tas-suldati. Mhux ta' b'xejn li dan il-*finale* kien wieħed mill-akbar mumenti drammatiċi u esplossivi ta' l-opra.

Xena oħra li ħarġet meravilja kienet dik ta' l-ewwel xena tar-Raba' Att, meta **Leonora** tkun fl-aqwa tal-*bel canto* fuq il-palk, il-kor tal-patrijiet jintona l-famuża *Miserere (a cappella)* fuq ġewwa, u **Manrico** jkanta minn ġewwa l-ħabs, akkumpanjat mill-arpa. Il-ko-ordinazzjoni kienet xi ħaġa ta' min ifaħħarha kemm fir-rigward ta' l-intonazzjoni kif ukoll tar-ritmu u tad-dinamika. Tassew kien kor li ta gost kbir fil-partijiet li esegwixxa, anke fil-movimenti xeniċi li kienu jagħtu l-impressjoni ta' diżinvoltura professjonali fl-andament u l-iżvolġiment tad-drama.

Naturalment, fit-Teatru Astra issa mdorrijin naraw artisti ta' livell u kwalita'. Din id-darba kellna l-opportunita' li naraw artisti li diġa kient ħarġu bl-unuri kollha u taw pjaċir kbir lil min kien semagħhom f'rappreżentazzjonijiet operistiċi f'dan it-Teatru. Fuq quddiem nett insemmi lil **Leonora** li tkantat mill-brava sopran **Tiziana Ducati.** Ta' min jgħid li din is-Sopran ġentilment daħlet għall-parti propju fl-aħħar erbat ijiem minħabba li s-sopran **Eva Urbanova`**, li qegħda tikseb suċċessi kbar fuq livell mondjali, kienet indisposta. Lil **Ducati** konna diġa gawdejnieha fil- **"Lucia di**



**Lamermoor"** u fit- **"Traviata"**. Vuċi sabiħa, b'estensjoni kbira u aċċessibilita' faċli fl-akut, teknika raffinata b'xeħta lejn il-*bel canto*, imżejna bi preżenza xenika tajba ferm. Dawn il-kwalitajiet dehru fl-aqwa tagħhom fl-eżekuzzjoni impekkabbli li tat: wirja ta' talent artistiku għoli.

Xejn inqas perfetta kienet il-Mezzo Sopran Bulgara **Ivanka Ninova** li serqet qalb kulħadd b'interpretazzjoni maġistrali, immensament konvinċenti u eċċellenti. Lil **Ninova** konna stajna napprezzaw ftit mill-potenzjal vast tagħhafl-opri Verdjani **"La Forza del Destino"** u **"Nabucco"**. Kulħadd kien qal li din għandha tinterpreta **Azucena** biex verament turi l-ħila tagħha. Is-siegħa waslet u t-tama tagħna ma sfatx fix-xejn. Anzi **Ninova** marret 'il hemm minn dak li konna bi dritt nistennew ghax kienet **Azucena** *in prima persona.*

Jekk ibbrillaw is-solisti femminili, l-istess jista' jingħad għal dawk maskili. **Manrico,** interpretat minn **Aurelio Santalena,** kien stupend. Lil **Aurelio** għadna kemm smajnieh jinterpreta l-parti eżiġenti ta' **Calaf** u f'widnejna kienet għadha tidwi l-akuta *Vincero'.* Din id-darba r-rebħa kienet trijonf, speċjalment kif irnexxielu jispiċċa l-famuża *cabaletta "Di quella Pira"*, li hu mhux biss kantaha *in pitch* iżda interament - ħaġa li rarissima ssir. **Aurelio Santalena** hu tenur erojku. Jippossiedi dak it-tip ta' vuċi li ftit għadhom jeżistu u li tolqtok għat-timbru sod, ċert u b'akuti ċari, sbieħ u sostenuti, li joħolqu fik reazzjoni spontanja ta' tgawdija meta tismagħhom. Ir-romanza ċelebri *Ah si ben mio* kienet toqgħod sew ma' dik ta' l-aqwa tenuri liriċi-erojċi li qatt instemgħu. aħna ċerti li dan it-tenur, li għadu fil-ftuħ tal-karriera tiegħu, għad jagħmel isem kbir, u aħna kburin li kien propju fl-Astra li b'mod stabbli qiegħed juri t-talenti straordinarji tiegħu.

Il-Baritonu **Ettore Nova** hu baritonu Verdjan *per eccellenza.* Tisma' lilu, smajt kif għandu jitkanta Verdi. Lil **Nova** konna smajnieh fl-opra unika **"Aida"** fil-parti ta' **Amonasro.** Vuċi skura iżda fl-istess ħin ċara, b'timbru oħxon u qawwi ħafna, iżda li kapaċi jmelles bi ħlewwa









mhix komuni, preżenza xenika ammirevoli jagħmlu minn Nova il-**Conte di Luna** ideali. Tassew li l-cast primarju kien milqut ġmielu u ma jonqsu xejn.

Il-kontribut ta' l-artisti Maltin kien tajjeb u intona sew mal-kuntest b'mod li ġibed l-approvazzjoni ta' kulħadd. **Anthony Montebello** sostna tajjeb ħafna l-parti ta' **Ferrando** bi preżenza nobbli u dinjituża, b'vuċi li qablet ferm mal-parti li interpreta. **Anthony Aquilina** iddebutta fl-Astra bil-parti ta' **Ruiz** u jixhed għal tagħlim tajjeb u b'aktar esperjenza jiżviluppa f'*tenore di grazia* ta' isem. **Paul Portelli** qaxxar il-parti tal-**Vecchio Zingaro** b'timbru ċar, espressiv u konvinzjoni li huma frott tas-sengħa. Lil **Rosabelle Pavia** mdorrijin nisimgħuha u dejjem tat gost bis-sbuħija tat-timbru speċjalment fir-reġistru baxx-medju u bl-istil meqjus li bih tinterpreta l-partijiet tagħha. Din id-darba ma kienitx eċċezzjoni u ħarġet bl-unuri kollha, speċjalment meta wieħed jiftakar li kienet maġenb sopran tal-kalibru ta' **Ducati.**

Parti kbira tas-suċċess kien dovut għall-**Orkestra** magħmula mill-**Accademia Filarmonica di Firenze,** kumplimentata minn uħud mill-aqwa professjonisti Maltin, taħt id-Direzzjoni ta' **Joseph Vella.** Qabża kbira fil-kwalita' ta' l-orkestra li smajna l-Astra kienet meta l-management daħal għal din l-inizjattiva kbira li jikkommissjona din l-orkestra għar-rappreżentazzjonijiet operistiċi. L-omoġeneita' u l-bilanċ fil-ħoss bejn id-diversi sezzjonijiet kif ukoll l-istil eleganti u testwalment fidil huma karatteristiċi ta' din l-orkestra. Is-**Surmast Joseph Vella** idderieġa maġistralment u kien l-ispirazzjoni kostanti għal interpretazzjoni mill-aktar brillanti li qatt smajna ta' l-opra fl-Astra.

***Din l-Opra kienet prova oħra ta' l-għaqal, sens ta' responsabbilta' u dedikazzjoni totali tal-Management li dejjem iżjed qiegħed isaħħaħ l-istima li jgawdi mhux biss fost is-soċji tas-Soċ. Fil. La Stella, iżda tal-pubbliku in ġenerali li bil-presenza massiċċa tiegħu għal żewġ rappreżentazzjonijiet hu l-aqwa ċertifikat tas-suċċess milħuq u l-aqwa awgurju għal quddiem.*** ■

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Reġa' wasal iż-żmien biex nerġgħu niltaqgħu għal ftit flimkien u ngħidu kelmtejn ta' ġid. Iż-żmien għaddej ġmielu u dalwaqt jerga jitfaċċa l-eżami annwali. Naħseb li kull wieħed u waħda minnkom qegħdin tħejju bil-għaqal għal dan l-avveniment.

Tfal, ftit tal-jiem oħra u lkoll kemm intom, wara l-battikata ta' l-eżamijiet annwali, titilqu lejn ix-xtajtiet prinċipali t'Għawdex, Marsalforn u x-Xlendi, biex għal xahrejn sħaħ tiddevertu u tieħdu l-vaganzi tagħkom. Tagħmlu sew, għax min jaħdem u jistudja matul is-sena skolastika, haqqu mhux ftit li jieħu l-vaganzi tiegħu.

Biss, oqgħodu attenti ħafna,



tfal, biex dak li bnejtu b'tant għaqal u bżulija matul ix-xhur li għaddew, ma titilfuħx f'daqqa waħda matul is-Sajf li ġej. Qisu li l-kotba ma titilquhomx għal riħhom u twarrbuhom għal kollox. Ħallu xi ħin għal ftit studju, biex dak li tgħallimtu, ma tinsewhx. Ħallu ftit ħin ukoll għall-qari biex tibqgħu *up-to-date*, l-aktar fil-lingwi.

U issa għall-istorja:

Raġel għażżien tħajjar jaqla' x'jiekol billi jibda jittallab il-karita'. Dam jaħsibha kif ser iqarraq bin-nies, u fl-aħħar, iddeċieda li jilgħabha ta' l-agħma. Għamel tabella bil-kliem: GĦINU RAĠEL AGĦMA, u ntasab ħdejn bieb il-belt. Eluf kienu jgħaddu minn ħdejh, iżda ħafna l-anqas kienu jagħtu każ tiegħu. U l-ftit li kienu jintebħu bih ma kienux jagħtuh biżżejjed biex jiekol.

Iddeċieda li ma jibqax jilgħabha ta' l-agħma għax ħaseb li jekk jibda jħares bil-ħniena lejn in-nies, iġegħelhom jisthu minnhom infushom u jgħinuh aktar. għażel li jsir TRUX u MUTU.... u donnu l-għażla li għamel serviet għax beda jdaħħal ħafna iżjed. Donnu li l-ħarsa mimlija ħniena kienet qed tirbaħ qlub in-nies.

Iżda kien hemm pulizija li għajnu għokritu mit-tallab. Resaq qrib u bla ma ħallieh jintebaħ, tefa' munita fl-art. It-tallab dawwar rasu u l-pulizija qallu:

"La int trux, kif smajtha taqa`?"

"Ħarist b'kumbinazzjoni", wieġbu t-tallab.

Ħarġitlu biex mingħalih jgħatti l-iżball... u kien tard wisq meta ntebaħ li bħala mutu mhux suppost li tkellem!

Qegħdin taraw, tfal, x'jiġrilu min jigdeb! Kif jgħid il-Malti: Il-gidieb għomru qasir!

Għal-lum dak kollox, tfal. L-Għid it-tajjeb lilkom ilkoll! Tata'

*Iz-Ziju Peppi.*

# KUNĊERT TA' MUŻIKA SAGRA FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

Nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, il-Bażilika ta' San Ġorġ laqgħet ġo fiha l-membri minn għadd kbir ta' pajjiżi Ewropej li flimkien jiffurmaw il-***Ligue des Bibiotheques Europeeness de Recherch.*** Fost il-bibliotekarji ta' ċentri ta' riċerka kien hemm rappreżentanti mill-Ingilterra, l-Iskozja, l-Irlanda, il-Portugal, Franza, Italja id-Danimarka, in-Norveġja u l-Belġju. B'kollox kien hemm madwar mitt delegat u dawn ġew f'pajjiżna għax kien imiss lil Malta li torganizza u tospita l-laqgħa annwali ta' l-Assoċjazzjoni.



St George's Basilica
Victoria, Gozo, Malta

The
*Laudate Pueri* Choir
in collaboration with the
Ministry for Gozo
(Cultural Council)
and the
Collegiate Chapter
*present*

CANTICA SACRA

*A Recital*
*in honour of the*
*Ligue des Bibliothèques Européennes*
*de Recherche*

Saturday, 25th May 1996
at 11.00 a.m.

Fuq stedina tal-Professur Dr. Paul Xuereb, li hu l-bibliotekarju ewlieni ta' l-Universita', il-Kor tal-Bażilika tagħna ***Laudate Pueri*** offra lill-viżitaturi kunċert qasir ta' kant polifoniku sagru.

Il-mistednin kollha, kif ukoll għadd ta' parruċċani li mlew il-Bażilika, fosthom l-Arċipriet Salv Borg u għadd ta' Kanoniċi u Saċerdoti tal-Parroċċa laqgħu b'entużjażmu kbir id-diversi interpretazzjonijiet li l-Kor għamel mir-repertorju li għandu ta' Tomas Luis de Victoria (*Ave Maria*), Pier Luigi da Palestrina (il- *"Kyrie"* mill-*Missa Papae Marcelli u* l-motett *Super flumina Babylonis*), Joseph Vella (*Miserere*) u Giuseppe Caruana (*Fil-Ħlewwa ta' Mejju*).

Wara li ntemm il-Kunċert, Rev. Dr. Joseph Farrugia, li huwa lecturer fl-Universita' u fis-Seminarju ta' Għawdex, ta lill-mistednin xi tagħrif dwar l-istorja tar-reliġjon f'Għawdex u fuq il-bażilika ta' San Ġorġ, li tinsab fil-qalba ta' Għawdex Nisrani, u mbagħad ippreżenta lic-Chairman tal-Ligue rigal f'isem il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Anton Tabone. Minn naħa tiegħu l-Professur Hecklin irringrazzja lil Fr. George Frendo u lill-membri kollha tal-Kor *Laudate Pueri* għall-"mużika sabiħa" li rregalalhom permezz tal-kant tiegħu u faħħar l-interpretazzjonijiet li ta b'kant li "mess direttament il-qalb u r-ruħ ta' dawk kollha preżenti" u li "kellimhom dwar Alla u l-valuri spiritwali tal-bnedmin". Imbagħad ippreżenta rigal li Fr. Farrugia laqa' f'isem l-Arċipriet u l-Kapitlu.

Wara ftit ħin ta' viżita madwar il-Knisja fejn il-barranin setgħu japprezzaw xi wħud mit-teżori artistiċi u uniċi li għandna, Mons. Arċipriet Salv Borg offra lill-mistednin kollha bibita u materjal stampat fuq l-istorja u l-arti tal-bażilika ta' San Ġorġ.

Dawk li kienu preżenti setgħu isegwu l-programm permezz ta' ktejjeb imħejji apposta mill-Kor li fih kien hemm noti mużikali u tagħrif ta' natura storiko-teoloġika li jirrigwardjaw il-komposizzjonijiet li tkantaw, kif ukoll informazzjoni dwar il-Bażilika ta' San Ġorġ u l-Kor *Laudate Pueri.*

Dan il-kunċert ġie ppreżentat bil-kollaborazzjoni tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u tal-Ministeru għal Għawdex.

### *F'GĦELUQ IL-MITEJN SENA (1796 - 1996)*
## TAL-KWADRU "VOLTO SANTO" - "WIĊĊ IMQADDES" FIL-BAŻILIKA KOLLEĠĠJATA TA' SAN ĠORĠ FIR-RABAT - GĦAWDEX

● ***mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap***

Kwadru żgħir, imma devot u għażiż li għandha l-Bażilika ta' San Ġorġ huwa dak tal-**"Volto Santo" - "Wiċċ Imqaddes"**. Dan il-kwadru devot u artistiku ilu jgawdi devozzjoni minn nies tar-Rabat kollu għal mitejn sena.

Din il-Pittura li hi tassew devota u meta wieħed iħares lejha tnissel qima fih, hija kopja perfetta ta' dik li hemm ġewwa Ruma, imsejħa **"La Veronica"**. Mal-pittura fil-kwadru, fil-kwadru ndurat li għandu ukoll ħġieġa biex tħares ir-Relikwi insibu Relikwija tal-**"Vero Ligno"**, biċċa mis-Salib ta' Kristu. Dan il-Kwadru tal- **"Volto Santo"** kien ġie mogħti lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Kanoniku Dun Ġużepp Mifsud.



*Ix-Xbiha Devotat tal-Volto Santo "Wiċċ Imqaddes" li jinsab fil-Bażilika ta` San Ġorġ*

Fil-Ktieb tal-Prokura tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'paġna 113 naqraw din in-nota: "Hruġ tal-festa tal-"Volto Santo" miġjub minn Ruma fix-xahar ta' Mejju 1796. Għal din il-pittura u spejjeż oħra tal- **"Volto Santo"** sakemm wasal f'Għawdex kienet tħallset is-somma ta' 61 skud imħallsa mill-flus tal-Kanoniku Dun Ġużepp Mifsud, Prokuratur ta' l-Artal ta' Santa Katerina. Dan il-Kwadru tal- **"Volto Santo"** kien ġie mogħti mill-imsemmi Kan. Ġ. Mifsud lill-artal ta' Santa Katerina "Gratis", jiġifieri b'xejn.

F'Ġunju tal-1796 kienu ġew imħallsa 12-il skud u 6 tari' għall-Indult ta' Indulġenza Plenarja għal Jum il-Festa tal-**Volto Santo** li kienet ddestinata biex issir fit-Tielet Ħadd wara Għid il-Ħamsin.

F'Marzu tal-1936 dan il-Kwadru kienet saritlu niċċa propja fil-Kappella tas-SS.mu Kurċifiss, b'skultura fil-ġebel imnaqqxa minn Ġużeppi Agius (1893-1948). L-iskultura ta' Ġ. Agius kienet Puttin fuq il-kwadru tal-ġebel b'żewġ mazzettuni ward fil-ġnub tal-kwadru.

Illum in-niċċa tal-Volto Santo tneħħiet, u saret niċċa għall-Vara ta' San Mikiel. Bħalissa dan il-kwadru jinsab bejn is-sekondi pilastri taħt l-arkatura inti u dieħel fil-Kappella tas-SS.mu Kurċifiss fuq il-lemin. Il-Poetessa Għawdxija - Rabtija, s-Sinjorina Mary Meilak (1905-1975) kienet irregalat lampier żgħir tal-fidda lil dan il-**"Wiċċ Imqaddes"**, biex ikollu dejjem id-dawl quddiemu. (1)

J'alla d-devozzjoni li kellhom niesna ta' dari lejn dan il-**"Wiċċ Imqaddes"** inkompluha aħna, billi ta' spiss nersqu lejn din ix-xbieha qaddisa, il-Wiċċ għażiż ta' Ġesu' li permezz tal-Passjoni, mewt u qawmien tiegħu fdiena mill-jasar tad-dnub, u f'qalbna ngħidu xi talba żgħira, bħal dik :"Nadurawk u nberkuk o Ġesu', għax b'Salibek u l-Mewt tiegħek Inti fdejtna".

———

*(1) Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol.III, pp.90,91*

# TALBA TA' ĠESU LIL KULL WIEĦED U WAĦDA MINNA

~ ~ ~

Ressaqli l-ħobżiet tiegħek, il-ftit li tippossiedi,
u ross ħafna f'idejk
dak kollu li jidher xejn f'għajnejk,
iżda li hu ħafna għalija.

Ressaqli l-ħutiet tiegħek,
dak il-ftit li kien baqgħalek għal għada
dak kollu li tista' tagħti, ressqu lejja.

Jiena neħtieg l-imħabba tiegħek
sabiex inkun nista' nimmultiplika l-ħobżiet tiegħek
jiena neħtieg biss l-imħabba tiegħek
sabiex naqta' l-ġuħ ta' din il-folla li tinsab tgħajjat madwari.

Agħtini l-idejn tiegħek, il-moħħ tiegħek, il-kultura tiegħek
il-kuraġġ tiegħek u anke x-xogħol tiegħek.
Ressaqli l-qawwa tiegħek, ressaqha kollha lejja.

Agħtini l-ħin tiegħek,
il-ġlieda tiegħek b'risq il-ġid ta' kull bniedem,
id-dar miftuħa beraħ tiegħek, nitolbok agħtihomli.

Agħtini ż-żejjed tiegħek,
mkejjel fuq il-ġuħ ta' min ma baqgħalu xejn tiegħu,
il-qalb miftuħa tiegħek, ix-xefaq mifrux quddiemek
li jitwessa fuq id-dulur tal-bnedmin madwarek.

Jiena nenħtieg l-imħabba tiegħek
biex inkun nista' nimmultiplika l-ħobż.
Jiena neħtieġ biss l-imħabba tiegħek
u l-miraklu tal-ħobż jitwettaq fid-dinja.....

### *Ħbieb: x'sejrin inwieġbuh?*

Forsi se nsoddu widnejna biex ma nisimgħux it-talba tiegħu?
Forsi se niddubitaw li dak li qed jgħid mhux indirizzat għalina?
Forsi se nixxaħħu u nċaħħduh minn dak li tana Hu?

**Importanti li twieġeb, u importanti iktar li twieġbu fl-affermattiv, mhux hekk?**



# IL-IKLA TA' JUM SAN ĠORĠ

Nhar it-Tlieta, 23 t'April, iċċelebrajna l-festa ta' San Ġorġ. Iċċelebrajniha skond il-Liturġija tal-Knisja Universali imma b'solennita' akbar għax San Ġorġ hu l-Patrun Glorjuż u Għażiż tagħna.

Nhar jum it-tifkira liturġika, l-Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi mexxa konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru fil-Bażilika. Il-knisja kienet imballata bin-nies li, dritt wara l-konċelebrazzjoni, ħadu sehem f'Marċ Brijuż li l-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet minn Pjazza San Ġorġ sal-każin fi Triq ir-Repubblika.

Il-Ħadd ta' wara, imbagħad, il-festi komplew bl-**Ikla Tradizzjonali ta' Jum San Ġorġ**, organizzata mil-*Ladies Society*. Il-Kumitat Organizzattiv tal-Ladies ilu jorganizza din l-Ikla b'suċċess kbir sa mill-1984. Din is-sena saret fil-*Cornucopia Hotel* u għaliha attendew 'il fuq minn 180 persuna, fosthom għadd ta' Kanoniċi u saċerdoti tal-bażilika. Quddiem nett fost il-mistednin distinti kien hemm il-Prim Ministru ta' Malta, l-Onor. Dr. Eddie Fenech Adami u s-Sinjura tiegħu. Imbagħad fil-*head table* kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex, l-Onor Anton Tabone u s-Sinjura Tabone, is-Sindku tal-Belt Victoria is-Sur Victor Galea Pace u s-Sinjura Galea Pace, l-Arċipriet, il-W.Rev. Mons. Salv Borg, il-President tas-Soċjeta' La Stella Dr. Joseph Ellis u s-Segretarju ta' l-istess Soċjeta` s-Sur Joe Borg u s-Sinjura Borg. Il-mistednin kollha ġew milqugħa mis-Sinjura Antoinette Frendo, il-Presidenta tal-*Ladies Society*, minn Mons. Arċipriet u minn Rev. Dr. Joseph Farrugia, ic-Chaplain tas-Soċjeta`.

Kienet ikla tajba u l-atmosfera kienet festiva fejn kulħadd ħassu magħqud, ferħan u kburi fit-tifkira għażiża ta' San Ġorġ.

Qrib tmiem l-Ikla, Fr. J. Farrugia, li hu wkoll il-Fundatur tal-*Ladies Society* tkellem f'isem l-Organizzaturi. Huwa ta merħba lill-mistednin kollha u fakkar il-ħidmiet tas-Soċjeta' tul l-aħħar sena. Semma b'mod speċjali l-festi li saru f'Jannar li għadda biex jitfakkar il-benefattur kbir tal-Parroċċa ta' san Ġorġ, l-Arċipriet Alfons M. Hili, festi li saru bl-inizjattiva tal-*Ladies Society* li ħadet ħsieb u ħallset għall-monument li sar fil-bażilika. Fr. Farrugia tkellem ukoll fuq xi proġetti ta' restawr li bħalissa qed isiru fil-bażilika u faħħar lill-parruċċani kollha li qed jaħdmu għall-benefiċċju tal-knisja. Hu semma b'mod partikulari lil W. Rev. Kan. Dun Ġużepp Borg, *Major (ret.)* fir- *Royal Canadian Air Force*, u s-Sur u s-Sinjura Francis Mizzi, li joqgħodu fi Triq ir-Repubblika, li rispettivament qed jikkontribwixxu b'mod straordinarju għar-restawr ta' l-orgni antik li għandna fil-Bażilika u għar-restawr ta' l-istatwa artistika u għażiża ta' San Ġorġ, l-ewwel statwa titulari f'Għawdex. Fr. Farrugia faħħar ukoll benefatturi oħra anonimi li b'ġenerożita' taw u qed jagħtu s-sehem tagħhom f'kontribuzzjonijiet u/jew xogħol ieħor ta' l-id, kulħadd skond ma jista', għall-istess proġetti u għall-oħrajn.

Fl-aħħarnett, f'isem Mons. Arċipriet, Fr. Farrugia irringrazzja l-Membri kollha tal-*Ladies Society* u koperaturi oħra li qed joffru tant ħin, enerġija u mħabba fil-ħidma tagħhom b'risq San Ġorġ. Hu awgura lil-*Ladies Society* biex tissokkta fl-istess ġenerożita' fil-ġejjieni.

Ta' min isremmi li l-Ladies Society irregalat is-somma ta' Lm1000 għar-restawr ta' l-orgni li x-xogħol tiegħu qed isir fl-Italja.

Tkellem imbagħad il- Ministru għal Għawdex, l-Onor Anton Tabone, li fisser il-politika tal-gvern li jinkoraġġixxi u jgħin fl-inizjattivi tal-għaqdiet volontarji. L-Onor. tabone, li hu mill-Belt Victoria u ta' kull sena jagħtu l-patroċinju tiegħu lill-Ikla ta' Jum San Ġorġ, faħħar il-*Ladies Society* għall-ħidma li qed twettaq fi ħdan il-Komunita' Parrokkjali ta' San Ġorġ u għall-kontribuzzjoni volontarja tagħha favur il-vitalita' tal-ħajja kulturali ta' Għawdex.

Fl-aħħar tkellem il-Prim Ministru u fid-diskors tiegħu l-Onor. Dr. Fenech Adami waqaf fuq dawk li hu ddeskriva bħala l-"meravilji ta' Għawdex" fosthom il-Knejjes sbieħ tal-gżira u z-żewġ teatri taż-żewġ baned tal-Belt Victoria. Dr. Fenech Adami fakkar kif il-ġumata ta' qabel hu kien attenda għal-ewwel presentazzjoni ta' l-Opra *Il Trovatore* fit-teatru tagħna, u fisser kif mhux biss baqa' mmeraviljat imma ukoll impressjonat u ferħan bil-kummenti ta' bosta barranin, fosthom il-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta u rappreżentanti diplomatiċi oħra, li baqgħu mistagħġba kif minn gżira ċkejkna bħal Għawdex setgħet toħroġ produzzjoni operistika stupenda bħal dik li ta t-Teatru Astra.

Għall-okkażżjoni, bħal fis-snin l-imgħoddija, il-Ladies Society ipproduċiet Menu Cards speċjali li fihom kien hemm lista tal-Membri kollha tal-Kumitat Organizzattiv u rapport qasir tal-ħidma mwettqa u proġettata għall-ġejjieni.

Fost dawk li attendew għall-Ikla kien hemm ukoll għadd ta' artisti barranin li kienu ħadu sehem fl-Opra *Il Trovatore*, fosthom it-Tenur Aurelio Santalena. Ftit qabel, it-Tenur Santalena kien kanta waqt il-quddiesa tal-11.00am fil-bażilika ta' San Ġorġ u fi tmiem l-istess quddiesa Fr. George J. Frendo ħabbar, fost l-approvazzjoni entużjasta ta' dawk kollha preżenti, li t-Tenur Santalena kien ġie mistieden u aċċetta li jkanta l-partijiet solisti tat-tenur fil-festa ta' San Ġorġ li ssir fit-tielet Ħadd ta' Lulju. ■

**Lafayette Photo Studio**
ST. GEORGE'S SQUARE · VICTORIA · GOZO
for a Professional Photographic Service!

A&M PRINTING LTD. - QALA - 553217